# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 22/8

It-Tlieta 7 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut - Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera
Michael Debono – Accountant tal-Kunsill

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

### ASSENTI

Nil

### UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

### AĠENDA

022.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

022.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (20/8 [16/03/20] 21/8 [24/03/20]);

022.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

022.4 Rapport Amministrattiv għas-sena 2019 u Pjan ta` Attivita għas-sena 2020;

022.5 Pjan ta` ħidma 2020 - 2022;

022.6 Business Plan 2020-2024;

022.7 Fondi tal-EU: Restawr ta` Ħitan tas-Sejjieħ;

022.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

022.9 Rapporti;

022.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

022.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

022.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgha u nofs ta` filgħaxija (4.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**022.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

**022.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (20/8 [16/03/20], 21/8 [24/03/20])**

022.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 20/8 u 21/8 nem con.

Is-Sindku talbet sabiex jintervjeni s-Sur Michael Debono, l-accountant tal-Kunsill sabiex jispjega ahjar item 22.6 Business Plan li gie mhejji ghal matul dawn il-hames snin li gejjin.

**022.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

022.3.1 Is-Sindku proponiet sabiex jigu nsallati xi bins godda fi Triq Hal Far ghal fatt li kien qed ikun hemm wisq skart mormi fi triq. Barra minn hekk talbet sabiex il-Kunsill jinforma lill-Cleansing Authority sabiex isir tindif tajjeb ta` ta din it-triq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

022.3.2 Gew prezentati l-kwotazzjonijiet ta` CCTV kameras fejn fl-ahhar laqgha tal-Kunsill gew decizi siti. Is-Sindku spjegat li spiza totali ta` kull sit hija wahda konsiderevoli u fejn il-Kunsill mhu ser jkollu l-ebda introjtu minn dawn il-kameras imma biss solverjanza. Is-Sindku talbet sabiex bil-permess ta` dawk prezenti tintervjeni l-Kap tal-Iskola ta` l-iskola St. Joan Antide kif kienet qed isewgi laqgha fuq is-sistema online. Il-Kap tal-Iskola qalet li jkun hemm certu ilmenti minn genituri dwar l-skart li jithalla hdejn l-bring in sites li jhalli effett ikrah madwar iz-zona tal-iskola. Il-Kap tal-Iskola gibdet ukoll l-attenzjoni dwar id-diversi hmieg ta` klieb li jithalla fi triq ta` bejn l-iskola u l-Kunvent. Dwar dan kien hemm qbil li jitwahhlu l-karti ta` twissija fi Triq Filippu Castagna.

Il-Kunsillier S Caruana nghaqqad fil-laqgha.

Wara diskussjoni fit-tul dwar il-bring in sites, is-Sindku proponiet sabiex l-skips ta` fejn l-skola ta` sorijiet jintehhew u jitpoggew fejn l-skips li hemm fi Triq il-Palazz u l-skips ta` fejn l-skola primarja jitnehhew u jitpoggew fejn l-skips ta` Triq Bir Miftuh. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Il-Kunsillier S Caruana propona wkoll sabiex jsiru zewg siti f`toroq li jaghmeli bejn zewg lokalitajiet vicin tal-Gudja, dak ta` Hal-Ghaxaq u dik tal-Gudja biex b`hekk l-ispiza tal-kameras tinqasam bejn iz-zewg kunsilli u siti huma `l boghod ukoll mir-residenti biex ma jkunux ta` nkonvenjent. Is-Sindku propniet sabiex tintbghat korrispondenza liz-zewg Sindku tal-lokalitajiet b`din il-proposta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex tigi skuzata mill-laqgha.

022.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-IM ser tibda xoghlijiet ta` infrastruttura fi Vjal it-Torri.

022.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Triq Raymond Caruana wasslu fl-ahhar stadju, fejn ser jibda jinghata l-asphalt.

022.3.5 Giet prezentata kwotazzjoni ghal xoghol ta` hart, grass cutting u tindif fil-Housing Estate tal-Mitha, liema kwotazzjoni tammonta ghall-€270 inc VAT. Dawk prezenti approvaw din il-kwotazzjoni.

022.3.6 Prezentata korrispondenza dwar progetti ta` Erasmus + li jinvolvu attivitajiet u ghaqdiet sportive. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier responsabbli jiehu hsieb din il-materja.

022.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Nofsinhar dwar rapport li jrid jigi mhejji dwar Inkluzjoni Socjali li saret fil-lokalita matul dawn l-ewwel tlett xhur tas-sena. Dwar dan is-Sindku qalet li ser tiehu hsieb thejji dan ir-rapport.

**022.4 Rapport Amministrattiv għas-sena 2019 u Pjan ta` Attivita għas-sena 2020**

022.4.1 Dan ir-rapport ġie rċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġie meħud bħala moqri. Is-Sindku spjegat li f`dan ir-rapport hemm hafna pajnijiet li ser ikollu jigu sospizi minhabba sitwazzjoni li qeghdin fiha.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dan ir-rapport nem con.

**022.5 Pjan ta` Hidma 2020-2022**

022.5.1 Dan ir-rapport ġie rċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġie meħud bħala moqri.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dan ir-rapport nem con.

022.6 **Business Plan 2020-2024**

022.6.1 Dan ir-rapport ġie rċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġie meħud bħala moqri.

Is-Sur Michael Debono, l-accountant tal-Kunsill tah spjegazzjoni ta` dan ir-rapport, liema rapport ikopri fih il-budget ghal matul dawn il-hames snin ta` legislattura. Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni li bhalissa ghaddejin minnha fejn qalet li taf tafettwa b`xi mod jew iehor il-qaghda finanzjaja u dak ppjanat li jsir mill-Kunsill. Is-Sur Deboni spjega li dan il-budget huwa wiehed *predicted* u ghalhekk is-sena diehla jerga` jsir Annual Budget gdid ghas-sena 2021. Is-Sur Debono zied jghid li Financial Situtation Indicator huwa tajjeb u li l-Kunsill qieghed f`pozizzjoni li jista` jaghmel certu progetti bil-fondi li ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu. Is-Sindku proponiet li dan ir-Rapport ghandu jigu approvat bil-kundizzjoni li jaf ikun hemm xi tibdil minhabba sitwazzjoni li ghaddejin bhalissa.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dan ir-rapport nem con.

022.7 **Fondi tal-EU: Restawr ta` Ħitan tas-Sejjieħ**

Il-Kunsillier MA Sammu nforma lil dawk prezenti li l-informazzjoni kollha mitluba minn naha tal-MUESAC, specjalment dawk relatati ma` permessi gew mghoddija kollha lill-perit flimkien ma` ritratti ta` siti fejn l-Kunsill kien idecieda fil-laqgha precedenti.

022.8 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

022.8.1 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex isir tindif fiz-zona ta` Bir Miftuh.

022.8.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-bankijiet kollha tar-rahal jigu miksija bit-tape jew jinqghalu sabiex jitnaqqas ic-cans li nies tingemma f`dawn il-postijiet minhabba sitwazzjoni li qeghdin fiha fil-prezent.

022.9 **Rapporti**

Ma kienx hemm rapport.

022.10 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Ma kien hemm diskussjoni

b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti ghal xiri u tqeghid ta` pavimentar qieghed fl-ahhar stadju sabiex jigi ppublikat.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet inbdew f`dawn it-toroq. Giet prezentata Change Request sabiex il-fondi li kienu ser jintuzaw biex l-Kunsill ihallas lill-perit tieghu biex jicertifika xogholijiet, dawn il-fondi jigu trasferiti fuq parti mix-xoghlijiet ta` Ta` Loretu biex b`hekk dawn il-fondi ma jintilfux. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara diversi diskussjonijiet li kellha mall-IM u Sindku ta` Hal Ghaxaq dwar il-mod kif saru toroq li jaqghu taht Mizura 4.3, mhux ser ikun possibli li dawn jigu rrangati.

c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni.

d. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet ghadhom ghaddejin fuq dan il-gnien. Is-Sindku ziedet tghid li kien hemm xi serq fuq xi materjal li thalla mill-kuntrattur. Il-Vici Sindku JM Calleja ssugerriexa sabiex il-bankijiet tal-gnien jinzammu mill-Kunsill u jitwahhli f`postijiet ohra

hekk kif dawn jigu mibdula. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

022.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 010/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mis-Sindku Dr. Marija Sara Vella u ssekondata mill-Vici Sindu JM Calleja għall-ammont totali ta' €15,397.43 u ġiet approvata nem con.

022.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 28 ta` April 2020 fl-4.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 28 ta` April 2020

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv